EŻAMI ANNWALI TA' L-ISKEJJEL PRIMARJI 2000

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Il-ĦAMES SENA | MALTI (QARI) | ĦIN: 15-il minuta

## A Għaqqad il-kelma man-numri biex turi x'jgħidulhom:

| | |
|---|---|
| Eż a. zokk | 4 |
| b. lazz | |
| ċ. qalziet | |
| d. umbrella | |
| e. weraq | |
| f. ġakketta | |
| ġ. but | |




(3 marki)

## B Agħmel ✓ taħt IVA jew taħt LE.

| | | Iva | Le |
|---|---|---|---|
| 1. | Aħna ngħallu l-għaġin fit-taġen | | |
| 2. | Il-ferħ taż-żiemel huwa ħmar. | | |
| 3. | Nilbsu ħwejjeġ ħoxnin fix-xitwa. | | |
| 4. | Ix-xemx tinżel filgħodu u titla' filgħaxija. | | |
| 5. | Nużaw l-imgħarfa biex nieklu l-laħam. | | |
| 6. | Nieħdu ġewlaq magħna meta rridu mmorru nixtru. | | |

(3 marki)

## Ċ Ħożż sing taħt il-kelma li ma taqbilx:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | pitirross | sawrell | ħuttafa | gawwija | bufula |
| 2. | tuffieħa | lanġasa | ċirasa | karrotti | għeneb |
| 3. | ferrovija | karozza | mutur | trakk | ajruplan |
| 4. | għerq | fjura | werqa | żerriegħa | fergħa |
| 5. | ġobon | żejt | inbid | ħalib | ilma |
| 6. | dublett | libsa | but | qmis | ġlekk |

(3 marki)

**D** **Agħżel it-tajba billi tagħmel sinjal taħtha:**

1. Iz-ziju Fred iħobb (siefer, isiefer, safar) kull sena.
2. Aħna (nilagħbu, lgħabtu, logħob) ma' l-oħrajn fil-brejk.
3. (Immorru, Morna, Morru) d-dar u agħmlu xogħolkom.
4. Ġina marret (għawma, tewm, tgħum) il-bieraħ filgħodu.
5. Oħti (qalbet, qalbna, qalbha) tajba.
6. Il-kuġini (ħarġu, ħareġ, ħarġet) dawra sal-Belt.

(3 marki)

**E** **Għaqqad il-kelma ma' l-istampa billi tniżżel ħdejha l-ittra li taqbel magħha:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| A | xemx | |  |
| B | tapit | |  |
| Ċ | bott | |  |
| D | bexxiexa | A |  |
| E | imrewħa | |  |
| F | labra | |  |
| Ġ | kazzola | |  |

(3 marki)

EŻAMI ANNWALI

TA' L-ISKEJJEL PRIMARJI

2000

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IL-ĦAMES SENA | MALTI (KITBA) | ĦIN: Siegħa |
|---|---|---|

ISEM ______________________

SKOLA ______________________

KLASSI ______________________

TOTAL TAL-MARKI [ ]

A. Aqra din l-istorja. Imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara:

ĦIJA JOĦLOM BIL-ĠGANTI



Ħija joħlom li d-dinja għandha forma ta' futbol. Ġgant kbir jixxuttja fiha. Huwa joħlom li s-sema hija tieqa kbira. It-tifel tal-ġgant ikissirha b'ġebla. Huwa joħlom li ma jistax jisma' lill-ħbieb tiegħu jitkellmu. *(par. 1)*

Lil hinn mis-sħab hemm kelb ta' ġgant jinbaħ. Ħija joħlom li m'hemmx tuffieħ fil-ġonna tad-dinja. Il-mara tal-ġgant ħadithom kollha. Huwa joħlom dwar il-familja tal-ġgant. *(par. 2)*

Huwa jistaqsi: "Fejn joqogħdu?" Missieri jgħidlu: "Il-ġganti ma jeżistux." Ommi tgħidlu: "Il-ġganti telqu." Imma ħija ma jemminhomx. Huwa nnifsu ra s-sema jixxaqqaq. Huwa sema' l-ġganti jgħajtu. Ħija jgħajjat qisu miġnun. "Fejn jgħixu l-ġganti?" *(par. 3)*

1. Ħożż sing taħt il-kelma t-tajba:
   a) Ħija joħlom li d-dinja għandha forma ta' (larinġa, dulliegħa, futbol, ballun tat-tennis). *(par. 1)*
   b) It-tuffieħ fil-ġonna tad-dinja kilithom kollha (t-tifla, l-mara, l-kelba, n-neputija) tal-ġgant. *(par. 2)*

(2 marki)

2. Wieġeb il-mistoqsijiet f'sentenzi sħaħ:
   a) X'joħlom ħija dwar id-dinja? *(par. 1)*

   ________________________________________

   ________________________________________

(2 marki)

   b) X'hemm lil hinn mis-sħab? *(par. 2)*

   ________________________________________

   ________________________________________

(2 marki)

   ċ) X'ħadet il-mara tal-ġgant? *(par. 2)*

   ________________________________________

   ________________________________________

(2 marki)

d) X'jgħidlu missieri dwar il-ġganti? *(par. 3)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

(2 marki)

e) Xi jrid ikun jaf ħija? *(par. 3)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

(2 marki)

3. Immarka b'✓ fil-kaxxa fejn it-tweġiba t-tajba:

a) Huwa joħlom li s-sema hija tieqa kbira. *(par. 1)*

i) il-ġgant ☐

ii) it-tifla tal-ġgant ☐

iii) ħija ☐

b) Lil hinn mis-sħab hemm kelb ta' ġgant jinbaħ. *(par. 2)*
*Lil hinn mis-sħab* tfisser:

i) taħt is-sħab ☐

ii) fis-sħab ☐

iii) aktar 'il fuq mis-sħab ☐

ċ) Huwa jistaqsi: "Fejn joqogħdu?" *(par. 3)*
"*Fejn joqogħdu?*" qiegħda tirreferi għal :

i) il-ġganti ☐

ii) il-familja tat-tifel ☐

iii) il-klieb ☐

d) Imma ħija ma jemminhomx *(par. 3)*
Lil min ma jemminx?

i) il-ġgant ☐

ii) il-familja tat-tifel ☐

iii) il-klieb ☐

(4 marki)

4. Mis-silta sib is-Singular jew il-Plural ta' dan il-kliem:

| | Singular | Plural |
|---|---|---|
| a. | | dinjiet *(par. 1)* |
| b. | | twieqi *(par. 1)* |
| ċ. | ħabib | *(par. 1)* |
| d. | | imġienen *(par. 3)* |

(4 marki)

5. Ikteb ħames (5) sentenzi dwar kif tistħajjel li jkun ġgant.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

(5 marki)



**B. Imla l-vojt bil-Plural tal-kliem fis-sentenzi ta' fuq:**

Eż.x: Fil-gaġġa kien hemm amorin u pitirross.
Fil-gaġeġ kien hemm amorini u pitirrossi.

1. Fil-ktieb rajna l-istampa taż-żiemel.
Fil- ____________________ rajna l-istampi taż- ____________________ .

2. It-tifel saqqa s-siġra tal-berquq.
It-tfal ____________________ is-siġar tal-berquq.

3. L-imħadda kien fiha l-investa roża.
   L- ____________________ kien fihom l-____________________ roża.

4. Fis-serra kibret ix-xitla tat-tadam.
   Fis-serer ____________________ x- ____________________ tat-tadam.

5. Rajt il-kelb u l-qattus jiġġieldu fit-triq.
   Rajna l- ____________________ u
   l- ____________________ jiġġieldu
   fit- ____________________ .



(10 marki)

## Ċ. Ikteb kliem flok numri:

1. Kellu (4) ____________________ għasafar u (3) ____________________ ħutiet fil-vaska.
2. Wara (19) ____________________-il ġurnata minn sebgħa u erbgħin ħamiema ġew lura (9) ____________________ .
3. Il-bidwi jaħleb il-baqar fis-(7) ____________________ ta' filgħodu u fl-(4) ____________________ ta' wara nofs in-nhar.
4. Ir-reġina Eliżabetta l-Ewwel ta' l-Ingilterra għexet (400) ____________________ sena ilu.
5. Meta jkolli (20) ____________________ sena, u oħti (17) ____________________ , missieri jkollu (70) ____________________ .

(5 marki)

## D. Imla l-vojt kif hemm mitlub fil-kolonna tal-ġenb:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Aħna ____________________ ittri twal ħafna. | *Ikteb in-Negattiv ta' <u>ktibna</u>.* |
| 2. | In-nannu kellu ____________________ li biha kien jiftaħ il-kamra ta' fuq il-bejt. | *Agħti s-Singular ta' <u>ċwievet</u>.* |
| 3. | ____________________ ilu mort Londra mal-ġenituri tiegħi. | *Niżżel l-Għadd Imtenni ta' <u>ġimgħa</u>.* |
| 4. | Marija żelqet u ____________________ saqajha. | *Ifforma verb mill-Għerq <u>K-S-R</u>.* |
| 5. | ____________________ marret is-suq filgħodu kmieni. | *Qiegħed fl-Istat Kostrutt: <u>il-mara ta' Ninu</u>.* |

| | | |
|---|---|---|
| 6. | Il- ____________________ ħarab minn ġol-għalqa. | *Aqleb il-kelma* *baqra* *fil-maskil.* |
| 7. | Poġġiet ____________________ fuq in-nar u nħarqet. | *Agħti kelma waħda flok l-id tagħha.* |
| 8. | Il-kowt li rajt fil-ħanut kien veru ____________________ . | *Agħti l-maqlub ta' rħis.* |
| 9. | Inqatgħet ____________________ mill-keffa tad-dublett. | *Nissel nom minn ħiet.* |
| 10. | Toni ____________________ il-ġlekk u ħareġ. | *Ifforma verb fil-Perfett mill-Għerq L-B-S.* |

(10 marki)

**E.** **Imla l-vojt tas-sentenzi b' kelma oħra li tfisser l-istess bħall-kelma li tidher fil-ġenb:**

Eż. Rita staqsiet *mistoqsija* lill-għalliema dwar it-tempji ta' Ħaġar Qim. *domanda*

1. Mort ____________________ sa l-Italja mal-familja tiegħi. *vaganza*
2. Għall-festa kulħadd jinġabar fil- ____________________ tar-raħal. *pjazza*
3. Morna nistennew liz-ziju Fred, li kien ġej mill-Amerka, fl- ____________________ internazzjonali ta' Malta. *mitjar*
4. Ta ____________________tajba għal dak li staqsejtu. *risposta*
5. Biex ix- ____________________jikbru għandhom bżonn id-dawl u l-ilma. *pjanti*

(5 marki)

**F.** **Daħħal lil jew lill- fil-vojt.**

1. Is-Sur Borg sejjaħ ____________________ ħaddiema għal-laqgħa ġenerali.
2. Tkellimx ____________________ min ma tafux.
3. Tajt iċ-ċavetta tad-dar ____________________ ġara.
4. Is-surmast għajjat ____________________ istudenti biex jinżlu fil-bitħa.
5. Tajt rigal ____________________ Tanja f'jum għeluq sninha.

(5 marki)

Ġ. Ikteb komponiment ta' mhux inqas minn 120 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti:

1. Storja ta' pitazz.
2. Kompli din l-istorja: Konna lkoll qed naraw it-televixin filgħaxija, meta f'daqqa waħda nqata' d-dawl...
3. Ikteb djalogu bejn Rita u John, żewġt iħbieb li ilhom ma jaraw lil xulxin sena.



4. Il-kompjuter fil-ħajja ta' kuljum.

(25 marka)